


# Reklamar Inklussiv:

# Linji Gwida Għal Min Jikteb u/jew Jippubblika Avviżi

Maħruġa mill-**Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE)**

NCPE

Dawn il-linji gwida tfasslu bil-għan li joħolqu għarfien dwar il-liġi tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fejn jidħol ir-reklamar għal postijiet battala ta’ xogħol. Dawn il-linji gwida għandhom ikunu ta’ għajnuna għal dawk li jaħdmu fid-dipartiment tal-avviżi tal-gazzetti, rivisti jew siti oħra online fejn jidhru dawn l-avviżi.

Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE)
Marzu 2026

# Il-Werrej


1 Proviżjonijiet Legali

2 L-Impatt tar-Reklamar Inklussiv għal Postijiet Battala ta' Xogħol

3 L-Użu ta' Lingwaġġ Inklussiv fir-Reklami

9 Il-Grafika fir-Reklami

11 Eċċezzjonijiet

12 Riżorsi




# Proviżjonijiet Legali

L-Att dwar l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa (Kap 456) jistabbilixxi l-fatt li **l-ebda reklam** dwar post battal għal xi impjieg **m'għandu jkun diskriminatorju**. F'dan ir-rigward, il-liġi tgħid:

*"(1)...persuni ma jistgħux jippubblikaw, jew jesponu jew iġiegħlu li jiġi pubblikat jew espost xi reklam, jew, xort'oħra li jirreklamaw post battal għal xi impieg li jkun jiddiskrimina bejn min ikun qed ifittex ix-xogħol jew jitlob mingħand min ikun qed ifittex ix-xogħol informazzjoni li tkun tirrigwarda l-ħajja privata tagħhom jew il-pjanijiet li jkollhom dwar it-tkabbir tal-familja tagħhom ...*

*(2) Persuni ma jistgħux jippubblikaw jew jesponu jew iġiegħlu li jiġi ppubblikat jew espost xi reklam li jkun jippromwovi d-diskriminazzjoni jew li jkun xort'oħra jiddiskrimina.*

*(3) Persuni li jiksru s-subartikolu (1) jew (2) ikunu ħatja ta' reat kontra dan l-artikolu u jistgħu, meta jinsabu ħatja, jeħlu l-pieni li hemm għall-kontravvenzjonijiet..."*

Dan kollu ma jgħoddx biss għall-kliem fir-reklami iżda wkoll għall-istampi u l-illustrazzjonijiet li jiġu wżati, u li allura ma jridux ikunu ta' natura diskriminatorja, jew li jistgħu jinftehmu bħala li qed jiddiskriminaw.




# L-Impatt tar-Reklamar Inklussiv għal Postijiet Battala ta' Xogħol

Il-ħarsien tal-ugwaljanza fir-reklamar għal postijiet battala ta' xogħol jikkontribwixxi biex:

- **Jissaħħaħ** it-trattament ugwali
- **Ir-reklam għall-impjieg** ikun aċċessibbli għal gruppi kollha tan-nisa u l-irġiel u b'hekk jilħaq aktar persuni li qed ifittxu xogħol
- **Jitnaqqsu** l-isterjotipi u l-preġudizzji li jistgħu jwasslu biex jiġu esklużi n-nisa jew l-irġiel minn ċerti xogħlijiet
- L-ambjent tax-xogħol ikun **iktar inklussiv**
- L-immaġni u r-reputazzjoni tal-kumpanija **jissaħħu**
- **Tiġi mħarsa** l-leġiżlazzjoni dwar it-trattament ugwali
- **Isir użu sħiħ** tal-kapital uman nazzjonali għall-benefiċċju tas-soċjetà kollha

# L-Użu ta' Lingwaġġ Inklussiv fir-Reklami




Ir-reklami għandhom jużaw **lingwaġġ inklussiv** li jittratta lin-nisa u lill-irġiel b'mod ugwali u jevita **s-sessiżmu jew l-isterjotipi**. Għandhom ukoll jiżguraw li l-kliem użat ma jeskludix u lanqas jisterjotipizza lil xi ħadd abbażi tas-**sess, il-ġeneru, ir-responsabbiltajiet tal-familja, l-orjentazzjoni sesswali, l-età, ir-reliġjon, l-oriġini etnika, l-identità tal-ġeneru, l-espressjoni tal-ġeneru jew il-karatteristiċi tas-sess**.

### Ir-Reklami M'GĦANDHOMX

- Jindikaw li l-vakanza hija miftuħa biss għal ġeneru wieħed
- Jużaw kliem li jirreferi biss għan-nisa jew għall-irġiel
- Ikomplu jsaħħu l-isterjotipi tal-ġeneru jew espressjonijiet sessisti

Għandu jintuża lingwaġġ inklussiv kemm jista' jkun.

### 1. It-titlu tal-avviż, tal-post battal jew tar-reklam

It-titlu tal-avviż, li normalment ikun jinkludi t-titlu tal-pożizzjoni tax-xogħol battal, huwa l-ewwel ħaġa li tispikka f'reklam. Jekk titlu ta' post battal għall-impieg jindika ġeneru wieħed biss, bħal ngħidu aħna ***Vakanza għal Handyman***, il-qarrejja jistgħu jifhmu li dan il-post huwa miftuħ biss għall-irġiel.

Għaldaqstant, it-titlu m'għandu bl-ebda mod jindika li se jiġu aċċettati l-irġiel biss, jew inkella n-nisa biss, fl-impjieg reklamat. B'hekk, it-titlu għandu jkun inklussiv u newtrali fejn jidħol il-ġeneru.

Minflok titlu li jindika ġeneru wieħed biss, jista' jintuża titlu li jindika kemm il-maskil, kif ukoll il-femminil, per eżempju: ***Vakanza għal Waiter/Waitress***. Soluzzjoni oħra tista' tkun l-użu tal-plural għax kliem fil-plural ma jeskludi lil ħadd. Eżempju: ***Jinħtieġu Waiters***.

**Aktar eżempji:**

| Tużax | Uża titlu inklussiv | Uża titlu fil-plural |
| --- | --- | --- |
| Assistent (“maskil biss”) | Assistent/Assistenta | Assistenti |
| Segretarja (“femminil biss”) | Segretarju/Segretarja | Segretarji |

Anke meta jintużaw titli ta' postijiet tax-xogħol mislutin mill-Ingliż, dawn għandhom ikunu newtrali fejn jidħol il-ġeneru. Għaldaqstant, tużax kliem bħal ***Handyman*** iżda uża ***Handyperson*** jew kelma oħra li tiddeskrivi l-istess pożizzjoni u xogħol iżda hija inklussiva u ma tiddiskrimina kontra ebda ġeneru.

# Aktar eżempji:

| Tużax | Uża titli inklussivi |
| --- | --- |
| Air Hostess | **Flight Attendant** |
| Air Steward | **Cabin Crew** |
| Barman | **Bar Personnel**<br>**Bar attendants**<br>**Bar Staff** |
| Businessman | **Business Executive** |
| Cameraman | **Cameraperson**<br>**Camera Crew** |
| Chambermaid | **Cleaner** |
| Chairman | **Chair**<br>**Chairperson**<br>**President** |
| Craftsman | **Artisan**<br>**Skilled/Specialised person** |
| Draughtsman | **Draughts person**<br>**Drafter** |
| Foreman | **Supervisor**<br>**Lead Supervisor** |
| Fireman | **Fire Fighter** |
| Handyman | **Handyperson**<br>**Maintenance Officer** |

| Tużax | Uża titli inklussivi |
| --- | --- |
| Headmaster<br>Headmistress | **Head**<br>**School Principal** |
| Policeman | **Police Officer** |
| Pool/Beach Boy | **Pool/Beach Attendants** |
| Postman | **Postal Carrier** |
| Middleman | **Intermediary** |
| Salesgirl<br>Salesman | **Sales person**<br>**Sales Assistant**<br>**Shop Attendant**<br>**Sales Representative** |
| Spokesman | **Spokesperson** |
| Tradesman | **Tradesperson**<br>**Trader** |
| Waiter | **Waiter/ess**<br>**Waiters**<br>**Waiting Staff** |
| Watchman | **Security Guard**<br>**Security Officer** |
| Webmaster | **Web Manager** |

Mhuwiex aċċettabbli li titlu jew kontenut ta' reklam ikunu diskriminatorji mbagħad jiġi indikat li se jiġu offruti opportunitajiet indaqs lil kulħadd. Din l-ispjega qasira fl-aħħar tar-reklam ma tiġġustifikax reklam diskriminatorju.

## 2. Kliem fit-test tar-reklam

Fil-Malti m'għandniex pronomi jew verbi li huma newtrali u li jkunu jirreferu għaż-żewġ ġeneri. Fil-fatt, ħafna mill-kliem bil-Malti jkun jirreferi għan-nisa biss jew għall-irġiel biss. Dan il-kliem għandu jiġi evitat f'reklam.

Minflok tintuża kelma waħda li tkun tirreferi għal ġeneru wieħed biss, jistgħu jintużaw żewġ kelmiet f'daqqa, li jirreferu għas-sess femminili u għal dak maskili. Dan biex l-ebda ġeneru ma jkun eskluż. Inkella, jistgħu jintużaw kliem fil-plural.

**Eżempji:**

| Tużax | Uża maskil/femminil | Uża l-plural |
|---|---|---|
| Hu se jkun... | Hu/Hi se jkun/tkun... | Huma se jkunu qed... |
| jaħdem fuq inizzjattiva tiegħu | jaħdem/taħdem fuq inizzjattiva tiegħu/tagħha | jaħdmu fuq inizzjattiva tagħhom |

Soluzzjoni oħra tista' tkun li kliem li jirreferi għal ġeneru wieħed jinbidel u minfloku jintuża kliem ieħor aktar newtrali u ġeneriku. Dan jgħin biex jiġi eliminat l-użu tal-pronom li jirreferi għall-ġeneru wieħed biss.

**Eżempji:**

| Tużax kliem li jindika ġeneru wieħed biss | Uża kliem inklussiv jew newtrali |
|---|---|
| Hu jrid ikun jaf jaħdem... | Biex tapplikaw għal dan ix-xogħol tridu tkunu tafu taħdmu... |
| Hi trid tkun kapaċi... | Dan ix-xogħol jeħtieġ kapaċità fil-... |
| Hu ser jingħata kors... | Bħala parti mill-impieg se jingħata kors lil min jintgħażel... |

**Eżempji:**

| Tużax kliem li jindika ġeneru wieħed biss | Uża struttura bla bżonn ta' ġeneru |
| --- | --- |
| Jinħtieġ nutar għal... | Jinħtieġu s-servizzi notarili għal... |
| Ir-responsabbiltajiet tagħha jinkludu... | Ir-responsabbiltajiet f'dan ix-xogħol jinkludu...<br>Ir-responsabbiltajiet jinkludu... |
| Se jkun qed jaħdem b'kuntratt ta' sena, li... | Ix-xogħol huwa b'kuntratt ta' sena, li...<br>Il-post huwa għal sena... |
| Hi għandha tibgħat l-applikazzjoni lil... | Ibagħtu l-applikazzjoni lil...<br>L-applikazzjoni trid tintbagħat lil...<br>Applikazzjonijiet, indirizzati lil... jintlaqgħu sa.. |
| Għandu jkollu ċertifikat fl-arti... | Ir-rekwiżiti huma: Ċertifikat fl-arti,...<br>Ċertifikat fl-arti jkun ta' vantaġġ għal min japplika...<br>Biex titqies għal dan ix-xogħol irid ikollok ċertifikat fl- arti... |

# Il-Grafika Fir-Reklami




L-istess kif il-lingwaġġ użat f'reklam għandu jkun wieħed inklussiv, hekk ukoll il-grafika – stampi, ritratti jew illustrazzjonijiet – għandha wkoll tirrappreżenta ż-żewġ ġeneri. Għalkemm jaf ma jkunx possibbli li f'kull ritratt jew stampa f'reklam ikun hemm dejjem numru indaqs ta' nisa u rġiel, huwa importanti li f'kull stampa jkun hemm rappreżentanza bilanċjata tas-sessi. Għalhekk, fl-istampi jew ritratti li jidhru f'reklam għandhom jidhru, mill-inqas, kemm raġel u kif ukoll mara, sabiex ma jiġi eskluż l-ebda ġeneru.

Aktar minn hekk, l-irġiel u n-nisa fir-ritratt m'għandhomx jidhru fi rwoli sterjotipiċi, u mhux ugwali. Ngħidu aħna, għal post battal ta' *Manager*, minkejja li f'ritratt jidhru kemm raġel u anke mara, xorta jista' jkun hemm żbilanċ jekk fir-ritratt ir-raġel jidher bil-ġlekk (bħal *manager*) u l-mara tidher libsa casual (bħal ħaddiema fi gradi aktar baxxi). Min jara l-avviż jista' jifhem li l-kumpanija qed tfittex *Manager* raġel. Għaldaqstant, il-karattri fir-ritratt iridu jagħtu x'tifhem, bl-aktar mod ċar, li l-post reklamat hu miftuħ għal kulħadd, nisa u rġiel, bl-istess mod.

F'każ li r-reklam jinkludi ritratt ta' mara jew ta' raġel li jkunu l-propjetarju/a tal-kumpanija, jew il-fundatur jew fundatriċi eċċ., deskrizzjoni tal-persuna (isem, rwol fil-kumpanija, eċċ.) għandha tidher bil-miktub fir-reklam. Għandu jiġi spjegat ċar bil-miktub dawn min huma u x'konnessjoni għandhom mal-kumpanija.

Edituri Awdjoviżivi

# QED INFITTXU TALENT ĠDID!

Tixtieq taħdem f'ambjent kreattiv u dinamiku? Ingħaqad mat-tim tagħna!



Dan għandu jsir sabiex min jara r-reklam jkun jista' jidentifika lil dik il-persuna mal-kumpanija, u mhux mal-opportunità li jkun qiegħed joffri r-reklam. Għaldaqstant, min jara r-reklam jifhem sew li dik il-persuna qiegħda tidher fir-reklam għax għandha konnessjoni stretta mal-kumpanija u li bl-ebda mod ir-ritratt ma jindika li l-opportunità hija miftuħa għal ġeneru wieħed biss.

Mod ieħor biex il-grafika fir-reklam ma tkunx diskriminatorja huwa billi fir-ritratti ma jidhrux persuni. Ngħidu aħna, għal vakanza ta' tobba, jistgħu jintużaw oġġetti relatati mal-professjoni. Per eżempju, stetoskopju tat-tobba, u oħrajn. B'hekk meta jinqara l-avviż, mal-ewwel daqqa t'għajn joħroġ ċar ix-xogħol ma' liema qasam hu relatat, mingħajr ma jagħti lok għal interpretazzjoni diskriminatorja.

Mhuwiex aċċettabbli li tintuża stampa ta' mara f'reklam illum imbagħad tintuża stampa ta' raġel għall-istess reklam l-għada. Dan għax min jara r-reklam illum jaf ma jerġax jarah l-għada.



# Eċċezzjonijiet

F'xi eċċezzjonijiet, **huwa BISS possibbli** li tindika l-bżonn ta' mara jew ta' raġel f'post battal għall-impieg f'każ li l-pożizzjoni tirrikjedi karatteristiċi speċifiċi ta' mara jew ta' raġel. Bħal ngħidu aħna pożizzjoni ta' attriċi jew attur, mudell jew mudella, fejn il-ġeneru huwa kruċjali minħabba ħtieġa okkupazzjonali ġenwina. L-Att dwar l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa jgħid li:

*"Dwar l-aċċess għall-impieg, trattament anqas favorevoli li jkun ibbażat fuq xi karatteristika li jkollha x'taqsam mas-sess m'għandux jikkostitwixxi diskriminazzjoni meta minħabba fl-attivitajiet okkupazzjonali partikolari involuti, jew fil-kuntest li fih dawn jitwettqu, dik il-karatteristika tkun tikkostitwixxi ħtieġa okkupazzjonali ġenwina u meta dak it-trattament jibqa' fil-limiti ta' dak li jkun adatt u meħtieġ fiċ-ċirkostanzi: Iżda l-piż tal-prova għandu jkun fuq min jallega li hemm ħtieġa okkupazzjonali ġenwina."*

Għalhekk, f'dawn l-eċċezzjonijiet, dawk li jippubblikaw r-reklam huma fid-dmir, li meta mitluba jippruvaw li r-rekwiżit ta' ġeneru partikolari jkun tassew kruċjali għax-xogħol reklamat. Ikun ideali li f'reklami ta' din it-tip, ir-reklami jagħtu wkoll ir-raġunijiet validi.

# Riżorsi

Il-Ġnus Magħquda
Linji gwida għal lingwaġġ inklużiv f’termini ta’ ġeneru
https://www.un.org/en/gender-inclusive-language/guidelines.shtml
https://www.unodc.org/documents/Gender/gender_sentitive_language/Gender-sensitiveCommsGuide-English-final.pdf

Rakkomandazzjoni Nru R (90) 4 tal-Kumitat tal-Ministri lill-Istati Membri dwar l-eliminazzjoni tas-sessiżmu fil-lingwa
https://rm.coe.int/1680505480

Servizz ta' Azzjoni taċ-Ċittadini Ewropej (ECAS)
Linji gwida għal lingwaġġ inklużiv f’termini ta’ ġeneru
https://ecas.org/publication/gender-inclusive-language-guidelines/?gad_source=1&gad_campaignid=22355015998&gbraid=0AAAADRGKk1O30E-tT-NogPhOET1oLBND&gclid=Cj0KCQjwl5jHBhDHARIsAB0YqjwrjbeQcins9x8MJyOqiNnj1ubNqhjX6rdchNQX-zlIJwHDZs7vxsEaAiLwEALw_wcB

Il-Kunsill tal-Ewropa (CoE)
Linji gwida għall-użu tal-lingwa bħala mezz li jippromwovi l-inklużjoni
https://rm.coe.int/guidelines-for-the-use-of-language-as-a-driver-of-inclusivity/1680aec235

In-Netwerk Ewropew għall-Korpi dwar l-Ugwaljanza (Equinet)
Disinn Inkluživ fil-Komunikazzjoni – Titjib fl-Aċċessibilità tal-Outputs tal-Korpi tal-Ugwaljanza
https://equineteurope.org/training-inclusive-design-in-communication-improving-the-accessibility-of-equality-bodies-outputs/




## Agħmel kuntatt mal-NCPE

Gattard House National Road
Blata l-Bajda HMR 9010

ncpe.gov.mt

equality@gov.mt

2276 8200